

- bħala konsegwenza,
- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011;
- sussidjarjament, tordna li isem Gagbei Faussignaux VAGBA jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmija deċiżjoni.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.

### **Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Yoro vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-146/11**)

(2011/C 130/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: Claude Yoro (Abidjan, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li, fir-rigward tar-rikorrent, C. YORO, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2001, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, ippubblikata fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,
- għaldaqstant,

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2001, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011;
- sussidjarjament, tordna li isem C. YORO jitneħħa mil-listi meħmuża mal-imsemmi regolament u mal-imsemmija deċiżjoni.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.

### **Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Robe vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-147/11**)

(2011/C 130/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: Gogo Joachim Robe (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li, fir-rigward tar-rikorrent Gogo Joachim ROBE, ir-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011, ippubblikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fattwalment fondati,
- konsegwentement,
- tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011;
- sussidjarjament, tordna li isem Gogo Joachim ROBE jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmija deċiżjoni.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.

### **Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Mangou vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-148/11**)

(2011/C 130/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: Philippe Mangou (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentanti: G. Collard u L. Aliot, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara li, għar-rikorrent, Philippe Mangou, ir-Regolament tal-UE Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni Nru 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, ippubblikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, huma infondati fil-fatt,